

- (3) *Acetificio Marcello de Nigris Srl għandha tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*
- (4) *Ir-Repubblika Taljana u l-Consorzio Filiera Aceto balsamico di Modena għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

(¹) ĠU C 256, 24.10.2009.

Digriet tal-Qorti Ġeneral tat-30 ta' Ġunju 2011 — Tecnoprocess vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-367/09) (¹)

(“Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Sejħa għal teħid ta’ azzjoni — Inammissibbiltà manifesta — Rikors għad-danni — Rabta kawżali — Rikors manifestament infondat fid-dritt”)

(2011/C 282/33)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Tecnoprocess Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: A. Majoli, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Prete u A. Bordes, aġenti)

Suġġett

Rikors intiż, min-naħa waħda, sabiex jiġi kkonstatat nuqqas li tittieħed azzjoni mill-Kummissjoni Ewropea u mid-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Marokk u, min-naħa l-oħra, sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit minħabba dan in-nuqqas li tittieħed azzjoni.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala parjalment inammissibbli u parjalment manifestament infondat fid-dritt.*
- (2) *Tecnoprocess Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 267, 07.11.2009.

Digriet tal-Qorti Ġeneral tat-30 ta' Ġunju 2011 — Tecnoprocess vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-403/09) (¹)

(“Rikors għad-danni — Arrikiment indebitu — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà”)

(2011/C 282/34)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Tecnoprocess Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: A. Majoli, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bordes u L. Prete, aġenti)

Suġġett

Rikors intiż, minn naħa, sabiex jiġi kkonstatat l-arrikiment indebitu tal-Kummissjoni Ewropea u tad-delegazzjoni jiet-ta’ il-ġewwa. Il-kummissjoni Ewropea fil-Marokk u fin-Niġerja u, min-naħa l-oħra, għall-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tħallas is-somma ta’ EUR 114 069,94 flimkien mal-interessi dovuti fuq din is-somma.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*
- (2) *Tecnopress Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 297, 5.12.2009.

Digriet tal-Qorti Ġeneral tat-28 ta' Ġunju 2011 — van Arum vs Il-Parlament

(Kawża T-454/09 P) (¹)

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport ta’ evalwazzjoni — Proċedura ta’ evalwazzjoni 2005 — Appell parjalment manifestament inammissibbli u parjalment manifestament infondat”)

(2011/C 282/35)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Appellant: Rinse van Arum (Winksele, il-Belġju) (rappreżentant: W. van den Muijsenbergh, avukat)

Appellat: Il-Parlament Ewropew (rappresentanti: J. F. de Wachter, K. Zejdová u R. Ignătescu, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Settembru 2009, van Arum vs Il-Parlament (F-139/07, li għadha ma ġietx ippublicata fil-Ġabra) intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- (1) *L-appell huwa miċħud.*
- (2) *Rinke van Arum għandu jebti l-ispejjeż tiegħu u kif ukoll dawk sostnati mill-Parlament Ewropew fl-ambitu ta' din l-istanza.*

(¹) ĠU C 37, 13.2.2010.